# Teddy

Nadia Mifsud

22.03.16, 14:35

Ma kontx 'il bogħod wisq miż-żurżieqa. Lanqas kien hemm ġiex metri, naħlef.

"Sinjura, fejn kont qiegħda waqt li bintek Lara kienet fuq iż-żurżieqa?"

"Kont bilqiegħda fuq bank."

"X'kont qed tagħmel fuq il-bank, Sinjura?"

"Kont qed nagħti tixrob liż-żgħira."

"Sewwa. U Lara? Kont attenta x'kienet qed tagħmel sadanittant?"

"Iva. Kelli għajnejja fuqha kważi l-ħin kollu … ħlief għal dak il-mument ċkejken. Imbagħad, ma nafx, qisu ġara kollox f'daqqa."

"Tista' tgħidilna x'ġara?"

"Lara kienet qed tistenna wara tifla oħra daqsha biex tinżel miż-żurżieqa. Jien kont qed nagħti tixrob lil oħtha u Lara bdiet ixxejjirli. Imbagħad tbaxxejt biex inġib il-qlejba minn taħt il-*pushchair* għax iż-żgħira kienet kważi lestiet tixrob u ridt infewwaqha … Lara bdiet tgħajjatli biex naraha tiżżerżaq. Imma hekk kif għollejt rasi, rajtha nieżla għal rasha minn hemm fuq għal isfel. Ovvjament inħsadt u qomt niġri. Imma ma lħaqthiex …"

"Jiġifieri ma rajtx kif waqgħet minn fuq iż-żurżieqa …"

"Le, kien għad kelli rasi baxxuta dak il-ħin. Wara, imma, waqt li kont qed

indur b'Lara, kien hemm mara li qalet li rat lit-tifel ta' warajha jimbuttaha …"

"Jimbuttaha?"

"Iva, hekk qalet. Li eżatt wara Lara, kien hemm tifel ikbar minnha u mibni sew, u meta raha qed tistennieni biex inħares, imbuttaha fil-ġenb biex jaqbiżha. Lara tilfet il-bilanċ u waqgħet mill-ġenb taż-żurżieqa."

"Imma int ma rajt xejn minn dan kollu …"

"Le."

"U t-tifel ma tafx min hu?"

"Le."

"Kienet ilha tgħajjatlek Lara biex tħares lejha?"

"Le. Kif għidt l-ewwel, qisu kollox ġara f'sekonda. Sa fejn naf jien, kulma għajtitli darbtejn."

"Imbagħad? X'ġara wara li waqgħet Lara?"

"Ħeqq, imbagħad mort niġri għal ħdejha. Kelli ż-żgħira għadha mqabbda ma' sidri. B'xorti tajba, kien hemm omm oħra u għenitni nqajjem lil Lara. Lara kienet wiċċha mal-art u kienet qed tibki ħafna. Tgħidx x'qatgħa ħadt meta għollejnielha wiċċha u rajt id-demm. Ħsibtha kisret xi sinna, imma mbagħad indunajna li kellha qasma żgħira fuq xoffitha. Fuq għajnejha x-xellugija kellha qasma oħra ikbar u wkoll kien ħiereġ id-demm."

"Lil din l-omm li għenitek tafha?"

"Le."

"Ma kontx tafha …"

"Le, qatt ma kont rajtha qabel."

"Kien hemm xi ħadd tafu dakinhar il-bandli?"

"Ftit qabel ma waqgħet Lara kien hemm waħda mill-ġirien tiegħi, imma kienet leħqet telqet dak il-ħin."

"Jiġifieri fil-ħin li fih seħħ l-inċident ma kien hemm ħadd ieħor li kont taf?"

"Le."

"Kien hemm ħafna nies il-bandli fil-ħin tal-inċident?"

"Issa sew! Forsi kien hemm sitt adulti u għaxart itfal b'kollox. Bejn wieħed u ieħor. Ma qgħadtx ngħoddhom, x'kull waħda!"

"Sinjura, jekk jogħġbok … Aħna qed nistaqsuk dawn il-mistoqsijiet biex nippruvaw nifhmu x'ġara eżatt."

"Li nista' ngħid hu li ftit kien fadal nies. Il-biċċa l-kbira kienu telqu għax kienet niżlet ix-xemx u kien beda jaqa' l-frisk."

"Tajjeb. X'għamilt meta indunajt li Lara kellha d-demm?"

"Ħeqq, bdejt nipprova nikkalmaha għax kienet qiegħda tirtogħod bil-qatgħa u ma setgħetx tieqaf tibki. U l-ħin kollu bdejt ngħidilha ma tmissx moħħha għax idejha ma kinux indaf. Imbagħad waħda mara tatni maktur tal-karti mbill fl-ilma biex nimsħilha l-ferita."

"U t-tarbija?"

"Iż-żgħira kienet għadha f'idi. B'waħda kont qed inżomm lilha u bl-oħra bdejt nimsaħ moħħ Lara u jdejha …"

"Kemm kienet kbira l-ferita?"

"Daqshekk, ara, qisu xi żewġ ċentimetri jew ħarira aktar."

"Sewwa. X'ġara wara, Sinjura?"

"Dik il-mara li kienet għenitni nerfa' lil Lara ġabitli pakkett *tissues* u qaltli biex nagħfas bil-maktur fuq il-ferita biex forsi jieqaf id-demm. Lil Lara tajtha maktur u għidtilha tagħmel l-istess fuq xoffitha. Imma d-demm beda jimpressjonaha u ma bdietx tagħti kasi … Meta rajt li d-demm ta' fuq moħħha ma waqafx, qtajtha li aħjar immur l-emerġenza l-isptar biex jaraw kellhiex bżonn punti."

"U allura bqajt sejra l-isptar?"

"Iva."

Niftakarni nisma' mara oħra minn xi mkien warajja tgħid: "Kieku jien, neħodha għand it-tabib l-ewwel." U jien il-ħmara ma tajthiex widen! Għandi għali se mmut. Imma dak il-ħin deherli li jekk immur għand it-tabib u jispiċċa jibgħatni għall-punti l-isptar xorta waħda, aktar kont se nitlef ħin. U allura mort dritt l-isptar … hekk jew hekk, bit-*tube* żewġ stazzjonijiet kulma kien hemm.

Bilkemm nista' nemmen li qiegħda f'għassa tal-pulizija nwieġeb dal-mistoqsijiet kollha.

Bilkemm nista' nemmen dak kollu li ġara f'dawn l-aħħar erbat ijiem. Kif sempliċi waqgħa spiċċat qalbitli ħajti ta' taħt fuq. Kif sitt punti wassluni għal dan l-interrogatorju daqslikieku kont kriminali. Le, intervista qaluli biex insejħilha. Interrogatorju, Sinjura, tintuża għal dawk mixlija b'xi delitt. U jien ma kkommettejt l-ebda delitt. Sa fejn naf jien. Imma allura għalfejn qed thedduni li se tieħdu lit-tfal? Le, Sinjura, m'aħniex nhedduk. Mela spjegawli ftit jekk jogħġobkom. Spjegawli kif inċident ġenwin qed jiġi użat biex fuqu

tinbena allegazzjoni li m'iniex omm tajba u li nista' nkun ta' periklu għal uliedi. Għax hekk qed issostnu, li jien naf inkun periklu għal uliedi aktar 'il quddiem. Sinjura, setgħet weġġgħet sew Lara meta waqgħet. Iva, veru. Iva, kien missni bqajt ħdejn iż-żurżieqa għal li jista' jkun, avolja mhix l-ewwel darba li niżlitha waħedha. Jew forsi kien missni għidtilha mmorru lura d-dar meta rajt li ż-żgħira qabadha l-għatx. X'fettilli?

Fettilli npoġġi fuq l-eqreb bank li sibt, mingħalija se nkun nista' nredda' liż-żgħira bil-kwiet u nħalli lill-kbira tilgħab naqr'oħra. Wara kollox, kulma konna ilna l-bandli kwarta u ma kellix aptit nirriskja li Lara tagħmilli xenata tal-babaw u nispiċċa nimxiha sad-dar bit-tarbija twerżaq bl-għatx fil-*pushchair* u oħtha tnewwaħ u tkaxkar saqajha u timmutettja biex ma nżommilhiex idha. Ħsibtni se nevita battikata … minflok, spiċċa waqa' s-sema fuq rasi.

27.03.16, 18:52

Qabdu u ġew u ħaduhom. Hekk, ċumm bumm. Tliet pulizija qishom tliet ġolfijiet u raġel ieħor mis-servizzi soċjali. Riedu jafu għalfejn it-telefown ma weġibtux dil-ġimgħa, għalfejn ma tajtx kas il-messaġġi li ħallewli biex nieħu t-tfal f'ċentru apposta sakemm is-servizzi soċjali jiddeċiedu x'inhu l-aħjar għalihom. Sinjura, ma ħallejtilniex għażla oħra, qaluli. Ikkalma, Sinjura, jekk tirreżisti jkollna neħduk l-għassa. Ar'hemm ħej! X'jippretendu? Tgħid x'jagħmlu huma kieku kellu jmur xi ħadd f'darhom u jeħdilhom lil uliedhom? Joqogħdu ċiċċi bilqiegħda, jgħidulu ħudhom ħi la tridhom għax aħna m'għandniex x'nambuhom? Mhux hekk tgħid! Mhux laħmi dawk jew? Minni ħarġu. Lili biss għandhom. U jien lilhom biss għandi. Kemm jien ċuċ, jaħasra! Kien missni ma ftaħtx. Missni qbadt u tlaqt xi mkien bihom it-tnejn wara l-"intervista". Xi mkien 'il bogħod. Xi mkien fejn ma jsibunix. Trid tkun bla qalb biex tieħu tarbija ta' ħames ġimgħat għadha mqabbda ma' sider ommha. Ħasbuha pupa taċ-ċarruta, għandikun, mhux ħlejqa tad-demm u l-laħam! Issa kif se jagħmlu biex jitimgħuha? U l-kbira, min se jikkalmaha? Min se jispjegalha? X'se jgħidulha?

Għandi moħħi żgassat. Fi griżmejja hemm imwaħħla lehġa ikbar u itqal minn kantun. Kull nifs qisu selħa. Sforz l-għajjat li għajjatt forsi. Irridhom lura. Tuhomli lura. Tuni lura l-wiċċ imbaċċaċ taż-żgħira, subgħajha żgħar, imneħirha

tant gustuż. Tuni lura l-għajnejn imqarba tal-kbira, id-daħqa ferriħija tagħha, ix-xoffa li ddendel meta tkun trid tixtieq xi ħaġa u ngħidilha le. Tuni lura s-sħana, ir-riħa taż-żgħira, l-imlusa ta' ħaddha ma' ħaddi. Tuni lura l-frattarija tal-Ħadd filgħaxija meta jasal ħin il-banju u l-kbira ddum siegħa taparsi qed tiżbarazza l-ġugarelli mifruxa mas-salott kollu. Das-skiet mhux f'loku. Il-baħħ qed jinfidli rasi, jgħaffiġli sidri, jinfirex fl-istonku. Ara naqra, anke t-Teddy tal-kbira ħallew hawn, mixħut fl-art ħdejn is-sufan! It-Teddy li tant tħobb, li ilu magħha minn *day one*. It-Teddy li issa saret issejjaħlu Ted għax "m'għadhiex *baby*" ħej. Iġġorru magħha kullimkien. Il-ħin kollu ssefsef fih. Ġabitu żibel, imma allaħares naħsilulha għax tgħidli issa ġie jinten. Kull darba tgeddsu, kważi tgħaffġu magħha, meta jasal ħin l-irqad. Dejjem tfaqqagħlu l-bews għal kull ħaġa ta' xejn. Probabbli waqgħalha meta l-pulizija mar biex jerfagħha hi u tiggranfa mal-qalza tiegħi waqt li jien kont qed nitkarrab mar-raġel tas-servizzi soċjali biex forsi tiġih ħniena minni u minn uliedi. Ikkalma, Sinjura. Tagħmilhiex aktar diffiċli għat-tfal. Kif nista' nibqa' kalma? Ħaduli kulma kelli u m'għandix idea xi ħsara stajt għamilt biex ħaqqni kastig bhal dan.

28.03.16, 00:15

Il-ħalib qed jinġema'u sidri qed jintefaħ bil-minuti. Qed jibbies. Ġa qed iweġġa'. Bħal dal-ħin, suppost ġa rġajt tajtha tixrob. Tgħid qed tibki? X'se jagħmlu jekk ma tkunx trid il-*bottle*? Għadha qatt ma ħadet *bottle*. Għadni ma nistax nemmen. Ma nistax nifhem . . . Il-mistoqsijiet qed jerġgħu jinġemgħu f'moħħi u għajnejja qed jerġgħu jixxarrbu. Anke l-flokk qed jixxarrab. Il-ħalib ħiereġ waħdu, u miegħu ħierġa qalbi, ħerġin fwiedi, ħierġa tħarħira mqanżħa minn qiegħ griżmejja, minn fond dal-ġisem ifur bir-rabja, bin-niket, bit-telfa.

30.03.16, 08:36

Ngħaġġel kemm niflaħ lejn l-istejġ li ma tmurx tal-linja jfettlilha tgħaddi qabel il-ħin. Ma rridx nipprovdilhom skuża oħra biex jeħduli t-tfal. Ma rridhomx jgħidu li niġi naqa'u nqum minn uliedi, għax kieku x'inhi r-raġuni li wasalt tard,

Sinjura? Nispera li jħalluni nagħtihulha t-Teddy lil Lara. Kulm'għandi sagħtejn magħhom. Sagħtejn tliet darbiet fil-ġimgħa fil-preżenza ta' assistenta soċjali li se tkun qed tiżen u tieħu nota ta' kull kelma, kull ġest, kull mossa.

"Sorry, Ma …"

"Ta' xiex, ħanini?"

"Talli qgħadt imqarba. Għalhekk ġabuna hawn, hux?"

Iż-żgħira qed tiċċaqlaq f'dirgħajja, ixxammem il-flokk, tgħawweġ għonqha, tagħti b'saqajha, xufftejha jfittxu s-sider li s-soltu jitmagħha. Minn ħalqha ħerġin ħsejjes irqaq. Qed jaqbadha l-għatx. Jew forsi, bi stint kważi annimalesk, sempliċiment għarfet ir-riħa tiegħi. Kważi nista' nħoss il-ħalib ġej. Nissikka snieni qabel ma jerġa' jiblagħni l-vojt. Tgħid fil-fajl se jiktbu li ma nafx nipprepara *bottle*?

Nixtieq nista' nerġa' ndaħħalhom it-tnejn li huma ġo ħobbi, ġo żaqqi, ġo ġufi. Biex ħadd, ĦADD – l-ebda assistenta soċjali, l-ebda pulizija, l-ebda maġistrat, lanqas ir-Reġina nfisha – ma jkun jista' jeħodhomli. Biex ma jkollix għalfejn nitlaq u nħallihom ma' dan-nies barranin li lanqas jafu akka dwarhom.

Ma nistax nibki. Jekk nibki, ma jħallunix nerġa' niġi narahom. Għax hekk jgħidu r-regoli. Ir-regoli ta' min jaf min. Ir-regoli li suppost qegħdin hemm biex jipproteġu lil uliedi mill-ħsara li potenzjalment nista' nagħmlilhom bi kliemi u/jew b'għemili. Jeħtieġli noqgħod attenta kif nitħaddet mal-assistenta soċjali li ma tmurx tikteb f'dak il-fajl li għandha f'idha li qed neħodha kontra kelmitha, li qed inħaqqaqha magħha, li m'iniex qed nikkopera. Jeħtieġli noqgħod attenta xi ngħid man-nies dwar x'inhu jiġrili u fejn ħadu lil uliedi nkella għandhom dritt bil-liġi li jarrestawni. Diġà avżawni. U tawni eżempji wkoll ta' ġenituri li spiċċaw il-ħabs għax marru jpeċilqu mal-*media*. Mitejn persuna u fuqhom jispiċċaw arrestati kull sena talli ma jobdux l-istruzzjonijiet tal-Qorti. Mhux ċajta, Sinjura. Le, mhix ċajta. Farsa faħxija. Kummiedja tal-waħx.

Dan kollu għax dakinhar tal-aħħar *ultrasound* l-isptar infqajt nibki. "Waħdek, Sinjura?" staqsietni t-tabiba. U jien infqajt nibki. Għax Owen kien ilu ġimgħa li telaq u ma kellix aħbaru. Owen. Minn dejjem nafu qisu għandu l-labar. Joqmos meta jħossu qed jingħalaq f'kaxxa. Jien u Lara u t-tarbija li kienet waslet biex titwieled konna sirna l-kaxxa. Kaxxa żgħira wisq biex tesa' lilu wkoll. U telaq. Mill-bidu nett xi ħaġa ġo fija kienet teħbirni li xi darba se jitlaq. Ħallieni qisni ras maqtugħa. U ta' belha li jien, ħsibt li nista' niftaħ qalbi u nferra' f'widnejn

simpatiċi mqar ftit mill-ħsibijiet li kienu qed itaqqluli moħħi. U għax qagħdet tismagħni, kien mingħalija li qed tagħdirni u komplejt niftaħ u nfettaħ – kemm kont qed inħossni waħdi, kemm kont qed inħossni għajjiena, tant u tant għajjiena. "Forsi tista' tiġi ommok miegħek dakinhar li tkun se twelled?" Ommi? Ommi neħħiet ruħha b'idejha meta jien kelli ħmistax. Belgħet kull pinnola li kellna d-dar u baqgħet sejra għand Alla. Is-swidija kienet nifdet sal-anqas millimetru ta' moħħha u l-uniku dawl li setgħet tara kien dak tad-dinja l-oħra.

Minn hemm 1+1. Minn hemm beda jinħema s-suspett li forsi ma kontx l-aħjar persuna biex nieħu ħsieb ta' wliedi minħabba d-dgħufija psikoloġika u emozzjonali li kont ninsab fiha. Forsi ma kontx se nkampa waħdi. Agħar minn hekk, forsi xi darba kont se nitlef rasi kif kienet tilfitha ommi. U s-sitt punti ta' Lara kienu biżżejjed biex tinqata' s-sentenza u taqa' l-kundanna.

U issa l-assistenta soċjali qed tgħidli li aħjar jekk lil Lara ma jagħtuhulhiex it-Teddy. Għall-ġid tagħha, Sinjura. Biex ma tibqax marbuta mal-imgħoddi u mat-trawma li kellha tgħaddi minnha. Biex tkun tista' tibda kapitlu ġdid kemm jista' jkun malajr.

*Skont it-Taqsima 31 taċ-Children Act 1989, l-awtoritajiet soċjali tar-Renju Unit huma fid-dmir li jneħħu tfal minuri minn familthom mingħajr il-kunsens tal-ġenituri jekk ikun hemm suspett li dawn tal-aħħar huma jew jistgħu jkunu ta' dannu għal uliedhom. Skont sorsi mhux uffiċjali, eluf ta' tfal jittieħdu minn familthom kull sena u jitpoġġew għall-addozzjoni minħabba riskju potenzjali fil-ġejjieni ta' ħsara fuqhom min-naħa tal-ġenituri. Kull sena, numru sostanzjali ta' nisa tqal qegħdin jagħżlu li jitilqu mir-Renju Unit biex jevitaw li t-tarbija tagħhom titteħdilhom mat-twelid.*